MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 238/2007

**Samuel Attard (ID 547865 M) u Jesmond Chetcuti (ID 231863 M)**

**Vs**

**Dorianne El-Hazouri Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Marzu, 2007 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallashom is-somma ta` elf, tlett mija u tmintax il-lira, tlieta u sebghin centezmu rapprezentanti kwantu ghal Lm720 bhala arrettrati ta` kera ghal perjodu bejn Mejju, 2006 sa Settembru, 2006, rigwardanti flat numru 1, Da Vinci Court, Tower Gate, Msida; kwantu ghal Lm201.73 bhala spejjez ta` konsum ta` dawl u ilma fl-istess appartament ghal perjodu shih tal-kirja cioe` minn Marzu sa Settembru, 2006 u kwantu ghal Lm 397 bhala valur ta` hsarat kawzati fl-istess appartament tul l-istess perjodu tal-kirja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 23 ta` Ottubru, 2006 Dok. A u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 4 ta` Mejju, 2007, fejn giet ikkontestata in parti l-ammont mitlub peress li allegatament kienu saru diversi hlasijiet tad-dawl u ilma apparti l-fatt li hija ma kkawzat ebda danni.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali ta` l-atturi.

Ikkunsidra.

Illi l-ammonti mitluba mill-atturi gew spjegati f'aktar dettall tramite x-xhieda bil-gurament moghtija mill-attur Samuel Attard u kif ukoll permezz tad-dokumenti minnu ezebiti. Illi l-istess xhieda u dokumenti ma gew kontradetti minn hadd u minn ebda prova kontrarja ohra u ghalkemm l-konvenuta kienet inghatat l-opportunita` sabiex tressaq il-provi taghha in sostenn ta` dak minnha allegat fir-risposta taghha, hija naqset li taghmel dan.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi, s-somma mitluba ta` €3,072.64 (Euros) gia` Lm1,318.73, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------